**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# TALB GĦALL-PAĊI FIS-SIRJA

Ta' kuljum qegħdin naraw fl-aħbarijiet xeni ta' qsim il-qalb li qegħdin jiġru fis-Sirja, speċjalment f'Aleppo - traġedja kbira bil-qerda ta' tant nies innoċenti, li rat lil din il-belt ewlenija, b'numru sostanzjali ta' Nsara, titfarrak u titbattal, u jiġu fix-xejn gruppi reliġjużi u etniċi li kienu ilhom jgħixu flimkien għal mijiet ta' snin.

Dawn in-nies għandhom bżonn ta' għajnuna, u ta' min japprezza l-ħidma ta' diversi organizzazzjonijiet li qed joffru għajnuna bħal ikel u mediċini. Għandhom bżonn ukoll l-għajnuna tat-talb tagħna, speċjalment biex ikun hemm il-paċi, u l-imħabba tirbaħ fuq il-mibegħda. Għandna nkunu f'solidarjetà sħiħa ma' dawn ħutna li għaddejjin minn tant tbatija. Għandna nagħtu widen għall-appell ta' Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi.
Mons. Arċisqof irid li nhar l-1 ta' Jannar 2017, Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum Dinji tal-Paċi, waqt il-quddies iċċelebrat fil-knejjes kollha, isir talb speċjali għall-paċi fis-Sirja, u l-Insara Maltin ikunu mħeġġa jiftakru kontinwament fil-poplu Sirjan u f'dawk kollha li, bħall-poplu Sirjan u f'diversi postijiet fid-dinja, huma vittmi tal-vjolenza, tat-terroriżmu u tal-mibegħda.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum 23 ta' Diċembru 2016.

**Lawrence Gatt**
Kanċillier

**Joe Galea Curmi**
Vigarju Ġenerali